MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Talba Numru. 326/2007

**Vodafone Malta Limited – C-10865**

**Vs**

**Mark Anthony Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta` April, tas-sena 2007 fejn intalab li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm186.76c rapprezentanti valur ta` servizzi lilu rezi in konnessjoni ma` mobile phone li jgib in-numru 99460045, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma` l-avviz u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-avviz sa l-pagament effettiv ghas-saldu.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` Dr. Nadia Vella li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub f`din il-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat li l-konvenut baqa` ma deherx fis-seduta ta` llum sabiex iressaq provi kontrarji ghal dawk migjuba mis-socjeta` attrici u wisq anqas deher biex jikkontesta b`xi mod it-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €435.03c (Euros) diga` Lm186.76c, bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------